

# Veru li r-Rużarju huwa Arma Qawwija?



Saqsi lil Zachary King.

Anzi, nissuġġerilek tisma' lilu stess fit-testimonjanzi li hu stess jagħti fuq l-internet.
Ma jiddejjaqx jgħid il-qżiżijiet kollha li għamel bħala wieħed mill-ftit ferm fid-dinja li kellu s-setgħa li jagħmel kollox bil-maġija s-sewda. Kien wieħed mill-ftit kapijiet kbar tas-sataniżmu. Billi kien ġej minn familja Baptist kien inkarigat iħarbat mijiet ta' komunitajiet Baptists. Ħa sehem f'mijiet ta' aborti. Jirrakonta li 3 aborti biss ma rnexxilux iwettaq minn dawn il-mijiet kollha.

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 21

## X'kienet ir-raguni?

Barra l-klinika kien hemm nies ireddnu bejniethom kliem li hu ma kienx jaf x'inhu. Billi ġej minn tradizjoni Baptist ma kienx midħla ta' dak li kienu qed jgħidu dawk miġburin hemm barra.




Saqsa x'kienu qed jagħmlu u qalulu li kienu tal-Pro-Life qed jirreċitaw ir-Rużarju tal-Madonna kontra l-abort.

F'dawk it-3 każi biss l-abort ma setax jitwettaq u t-tarbija ħarġet ħajja u kellhom jagħtuha għall-adozjoni.
'U taħsbu li r-Rużarju li jingħad barra l-kliniċi kontra l-abort m'għandux forza?' Isaqsi Zach.

Dan li kien jaħseb li hu kellu setgħa kollha f'idejh bil-qawwa tal-maġija ġie kkonfrontat minn sinjura li tagħtu xi ħaġa li hija nsistiet li hija 'very powerful'. X'setgħet ikollha din il-ħaġa biex tkun aktar powerful minnu?

Kienet id-Domna Mirakoluża u żarmatu. U għadda minn konverżjoni instantanja u ra li dak kollu li hu Kattoliku huwa verità. Illum huwa konvertit u jdur id-dinja jagħti t-testimonjanza tal-qawwa ta' Ġesù u ta' Marija.
Isma' lilu stess jirrakkonta u ħallih jifthilna għajnena bil-qerq li satana u l-aġenti tiegħu qed jiżirgħu fid-dinja taż-żmenijietna.